



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

12656/23

LIMITE

CORLX 849  
CFSP/PESC 1211  
ELARG 48

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894**

**dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija  
fil-Lvant tal-Mediterran**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894<sup>1</sup>.
- (2) Il-Kunsill irrieżamina l-miżuri restrittivi stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894. Abbażi ta' dak ir-rięzami, jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu estiżi sat-30 ta' Novembru 2024.
- (3) Il-Kunsill iqis li l-verżjoni bl-Ingliż tat-titolu tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 jenħtieġ li jiġi emendat.
- (4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

---


<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (ĠU L 291, 12.11.2019, p. 47).

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 hija emendata kif ġej:

- (1) (ma jikkonċernax il-lingwa Maltija);
- (2) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Novembru 2024 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Hija għandha tiġġedded jew tiġi emendata, kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.". 

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*